MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 258/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Ellul talli fit-22 ta' Awissu 2002 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'Hal-Kirkop

**(1)** meta kellu licenzja biex izomm jew biex ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon, naqas li jzommhom (senter Browning numru tas-serje 01WP21550 u senter Luigi Franchi S-93230) fil-kustodja tieghu b'mod li ma jkunux jistghu jigu f'idejn haddiehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(1) tal-Kap 9 Ligijiet ta' Malta [**recte:** tal-Qordinanza dwar l-Armi, Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta];

**(2)** talli fl-istess data, lok u cirkostanzi f'xi hin zamm jew garr arma tan-nar li kienet ikkargata, jew li kellha l-iskratacc fil-magazine, jew barra mill-ghata taghha, f'post li mhux permess li jsir kacca, bi ksur tar-Regolament 8 ta' A.L. 146 ta' l-1993; u

**(3)** talli sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Mag. Dott. Micallef Trigona) datati 2 ta' Frar 1999 u 21 ta' Novembru 2001, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Ottubru 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Ellul mhux hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u konsegwentement lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali, minnu ppresentat fl-1 ta' Novembru 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant Avukat Generali qieghed bazikament jghid fl-appell tieghu li l-ewwel qorti applikat hazin il-ligi ghall-fatti li kellha quddiemha.

L-uniku xhud f'din il-kawza huwa l-Ispettur tal-Pulizija Alexander Miruzzi. Meta xehed quddiem din il-Qorti huwa fisser li ma ressaqx provi ohra peress li quddiem l-ewwel qorti kien hemm xi forma ta' "qbil" da parti tad-difiza li l-fatti kienu kif kien qed jixhidhom hu. Mill-atti, pero`, ma jirrizulta xejn verbalizzat f'dan is-sens. L-ufficjali tal-Pulizija li jkunu qed jaghmluha ta' prosekuturi quddiem il-Qorti tal-Magistrati jafu, jew messhom jafu, li kwalsiasi haga li jkun hemm qbil dwarha bejn il-partijiet fil-kawza, u li altrimenti tkun tinnecessita li ssir prova taghha, ghandha tigi verbalizzata. Kull parti ghandha d-dritt li tivverbalizza hi – mhux tistenna lill-qorti li tivverbalizza ghaliha – dak li jidhrilha li hu mehtieg li jigi hekk verbalizzat biex jigu salvagwardati l-interessi taghha, bla pregudizzju, s'intendi,

ghas-setgha generali li l-qorti ghandha bis-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 520.

Mid-deposizzjoni ta’ dan l-uniku xhud jirrizulta li fit-22 ta’ Awissu tas-sena l-ohra saret perkwisizzjoni f’fond li huwa proprjeta` ta’ missier l-appellat. F’dana l-fond instabu z-zewgt isnieter imsemmija fl-imputazzjoni li pero` kienu licenzjati fuq l-appellat. Skond il-licenza li kellu l-appellat, huwa suppost kien izomm dawn is-snieter fir-residenza tieghu u mhux fejn effettivament sabuhom il-pulizija. L-appellat ammetta mal-Ispettur Miruzzi li kienet uzanza tieghu li dawn is-snieter ihallihom fuq xkaffa f’dan il-fond appartenenti lil missieru u fil-kundizzjoni li sabuhom il-pulizija, cioe` mhux fil-ghata taghhom. Peress li f’dak il-fond kienu jidhlu diversi nies b’certa regolarita`, u ma jirrizultax li l-appellat kien izomm l-imsemmija snieter b’xi mod imsakkrin hemm gew, din il-Qorti hi tal-fehma li jikkonfigura r-reat kontemplat fl-Artikolu 8(1) tal-Kap. 66, u f’dan is-sens l-appell ta’ l-Avukat Generali qed jigi milqugh.

Pero` ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, l-appellant Avukat Generali m’ghandux ragun. Ir-regolament 8 tar-Regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Harsien ta’ l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg jipprovdi li *“Ebda persuna ma ghandha f’xi hin izzomm jew iggorr arma tan-nar li tkun ikkargata, jew li jkollha l-iskratacc fil-*magazine*, jew barra mill-ghata taghha, hlief f’post fejn hu permess li ssir il-kacca”*. Kjarament din id-disposizzjoni tapplika ghaz-zamma jew garr ta’ armi tan-nar fl-apert, u mhux bejn l-erba’ hitan ta’ xi fond jew dar. Altrimenti wiehed jasal ghall-assurdita` li minn ikollu licenzja “to keep and to carry” arma tan-nar u jew johrogha mill-ghata taghha fid-dar tieghu biex inaddafha, jew semplicement jehodha id-dar ta’ habib tieghu biex jurihielu (u biex jurihielu ikollu jnehhi l-arma mill-ghata taghha) ikun hati ta’ ksur ta’ dan ir-regolament ghax f’dawk id-djar ma hux permess li ssir il-kacca!

Kwantu ghat-tielet imputazzjoni, ma seret ebda prova tas-sentenzi hemm imsemmija.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u torrevokaha biss f'dik il-parti fejn sabet lil Joseph Ellul mhux hati skond l-ewwel imputazzjoni u minflok issibu hati skond din l-imputazzjoni u tikkundannah multa ta' erbghin lira (Lm40), konvertibbli fi tmint ijiem prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------